

Novembru 2018 — Ħarġa 316

# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Innibbtu ħolmiet ġodda...

Li kelli nagħżel oġġett li jkolli nxebbaħ il-Knisja f'Wied il-Għajn miegħu, inxebbaħha ma' siġra li tieħu l-forza tagħha mill-għeruq biex twarrad u tagħti l-frott.

Il-Knisja hija l-familja ta' Alla. Alla joħlom li minna lkoll jagħmel familja ta' wlied mimlijin ħeġġa għaliH, fejn kull wieħed u waħda minna nħossuna qrib tiegħu u maħbubin minnU. Huwa kuljum isejħilna biex ninġabru flimkien u nkunu parti mill-Knisja tiegħu. Ix-xewqa ta' Alla hija li jiena u inti nħallu l-Knisja twassalna għand Ġesù biex nagħrfu s-sejħa u l-missjoni tagħna. Għal Alla ma jimpurtax li aħna midinbin għax fil-Knisja ser insibu l-ħniena u l-maħfra tiegħU.

Nistiednek tistaqsi lilek innifsek: Kemm inħobbha jien il-Knisja? Nitlob għaliha? Inħossni parti mill-familja tal-Knisja? X'qed nagħmel biex tkun komunità li fiha kulħadd iħossu milqugħ u mifhum?

**L-Assemblea Parrokkjali 2018**

Irridu nagħmlu l-parti tagħna biex ikollna kuntatt ma' Alla u jkellimna. Irridu nisimgħu dak li Hu jrid minna permezz tal-Kelma tiegħu u ta' nies li jridulna l-ġid veru. B'hekk inkunu qed nimxu flimkien wara Ġesù u nibnu familja / komunità kif irid Alla. B'dan il-mod inkunu qed nixbħu lis-siġra li tkun qed tagħti l-frott.

L-Assemblea Parrokkjali ser issir **nhar it-Tlieta 6 u l-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2018 wara l-quddiesa tas-6.00pm** biex il-familji u l-komunità ta' Wied il-Għajn ikomplu jippjanaw il-ħajja tal-Parroċċa għal din is-sena li ġejja. Mistieden li jattendi kulħadd sabiex nibnu ġejjieni sabiħ taħt id-dell ta' din is-siġra li hi l-Knisja. Narawkom!

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan



# One week in Taizé, France

## 13 people from our parish spent a whole week with the Taizé Community in August






Taizé għalija jfisser imħabba, paċi, komunità kbira li titlob flimkien u taqsam l-esperjenza tiegħek, u li tieqaf tisma' lill-oħrajn mingħajr ma tiġġudika. Taizé huwa esperjenza ta' ħajja f'ambjent internazzjonali u li joffri okkażjoni ta' ħajja sempliċi imma profonda, u li ġegħlitni nirrifletti fuq il-ħajja spiritwali tiegħi.

J'Alla ż-żgħażagħ kollha jagħmlu din l-esperjenza tant sabiħa li tgħinhom ifasslu ħajjithom fis-sempliċità u fil grazzja t'Alla. Kemm hi sabiħa l-ħajja meta titbissem u tirringrazzja l'Alla ta' dak kollu li għandek. Nistqarr magħkom li għalkemm m'għamiltx il-ħinijiet kollha tal-programm, xorta waħda kien hemm ħin ta' riflessjoni personali li kien ta' ġid għalija. Grazzi Mulej tal-familja sabiħa li tajtni u li mdawra b'nies li jħobbuni. B'ċertezza ngħid li ma nistax ngħix mingħar Alla fil-ħajja tiegħi. **(Mary Grace Montebello)**

If you want to spend time with the Lord in the midst of nourishing daily prayer, simplicity, natural beauty and the witness of people of all ages radiating joy and peace, this is the place to be. **(Pierina Mercieca)**

Dawk il-ftit ġranet li għaddejna Taizé kienu ġranet li żgur qatt ma ninsa. Kienet imqassma perfettament u għalija kienet l-ewwel darba li pparteċipajt f'xi ħaġa hekk. L-isbaħ ħinijiet tal-ġurnata kienu jkunu l-*bible reflection*, ma' grupp ta' ħbieb barranin, u l-ħin tal-ikel. Aħna l-Maltin konna noqogħdu nirrakkontaw x'ġara waqt il-ġurnata u nkantaw flimkien. Ikolli ngħid li l-isbaħ aspett huwa l-għaqda u l-ferħ li jaqsmu in-nies kollha, ta' kull età, minn madwar id-dinja kollha. **(Julia Pace)**

The Taizé experience was a particular experience because although it could have been interpreted as a simple holiday, it was not merely enjoyment but also spiritual enrichment. This was because the mixing of people in such an ecumenical way has helped me to understand better ways that are concrete that can improve parish life, even though they might be small, in particular the animation of Mass. It was also special because meeting different people from different countries gathered in a one place and integrating so well together was remarkable. Another wonderful thing was that everyone had his optimum character shown in small group discussions which have helped me to come up with a new perspective to spirituality . **(Jens Camilleri)**

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Physics Intermediate**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**

*In Taizé I experienced prayer and sharing community life together in peace and joy, where the focus of all was Jesus Christ. I loved the sharing we had together where young and adults from all nations shared life experiences in the light of God's word. It was not always easy to keep up with the full programme of prayers and workshops and for me it was a challenge to do so but the unity we shared among us gave me the courage to do the full program which the Brothers in Taizé organise for all those who visit.* ***(Miriam Bonello)***

After my profound experience with the Community of Taizé for a week, immersed in the beautiful countryside of France, I realised how important that one has to make a conscious decision to spend time praying, sharing and reflecting on the word of God in a 'silent' environment in order to find Joy in his/her lifestyle. I appreciated meeting, sharing and praying with so many people from different countries and beliefs. In the past, there were times when I tried to pray and reflect on the Word of God but I never kept it up. But here I was given a Spiritual 'push' to start praying and reflecting on the Word of God all over again as part of my daily routine. *God lives in every human being, without exception.* **(Patricia Caffari)**

L-isbaħ aspett ta' Taizé kien li jilqgħu wkoll familji bit-tfal u li jfasslu programm prattiku u sabiħ għat-tfal u għall-ġenituri. It-tfal għexu dawn il-ġranet fis-semplicità, ipparteċipaw fit-talb u middew idejhom ukoll fid-*duties* li kellna. Luigi li għandu 8 snin, l-iktar li ħa gost li għen iqassam it-tè lil iktar minn mitt ruħ u li kien hemm xi 10 minuti ta' skiet kull darba waqt it-talb. Luca li għandu 6 snin, ħa gost bis-sens ta komunità li inħoloq bejn il-grupp Malti u bil-*plays* li tellgħu l-voluntiera t'hemmhekk. Jien apprezzajt fuq kollox iċ-ċans li kelli biex inkun kalma mat-tfal mingħajr il-ħafna ġenn tal -ħajja ta' kuljum. Ħassejt sens ta' serenità u paċi u ġejt lura Malta mimlija enerġija. Grazzi Fr Luke ta' din l-opportunità. **(Mikela Smith La Rosa)**









I opted to experience a week in Taizé for the purpose of coming to a deeper understanding of who I am and where my relationship with God stands. Despite having challenges, such as not finding the Bible sharing sessions relatable, I have still managed to achieve what I needed. Moreover, I had the opportunity to make some new friends from other countries who all had different opinions in spite of having the same Faith. The most memorable session of this experience is definitely the morning, midday and evening prayers held in the church. I am still mesmerized by everyone keeping silent in respect to God and other people; no sound could be heard except for the glorious prayers, which were unlike most songs here in Malta. If the opportunity were to come again, I would undoubtedly go for it, and I absolutely would recommend it to anyone who is in search for God and serenity. **(Alexia Spiteri)**






# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Novembru 2018

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Ħamis | **Solennità tal-Qaddisin Kollha** |
| 2 | Il-Ġimgħa | **Tifkira Solenni tal-Mejtin Kollha.** L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. **Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6:30am, 7:00am, 7:30am, 8:00am, 8.30am, 6:00pm, (fis-6:45pm ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija) u fis-7:30pm.** |
| **4** | **Il-Ħadd** | **Il-31 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 5 | It-Tnejn | Fis-6:00pm quddiesa b'sufraġġju għall-erwieħ tas-saċerdoti mejtin. |
| 6 | It-Tlieta | **Assemblea Parrokkjali – 1 Jum – Fis-6:00pm Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil KULĦADD sabiex jattendi.** |
| 9 | Il-Ġimgħa | **Assemblea Parrokkjali – 2 Jum – Fis-6:00pm Quddiesa mill-Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi tal-Knisja f'Malta Mons. Frans Abdilla u wara nkomplu fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġu lil KULĦADD sabiex jattendi.** |
| **11** | **Il-Ħadd** | **It-32 Ħadd ta' Matul is-Sena.** **Fid-9:15am quddiesa animata mit-tfal fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin. Inħeġġu lit-tfal jattendu sabiex jiltaqgħu ma' San Martin u ntellgħu xi *boroż ta' San Martin*.** Fit-3:00pm *Afternoon tea* u Tombla fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 13 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq il-Vjola u Triq l-Oranġjo.** |
| 16 sa 18 | | **Irtir tal-Avvent għall-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ** ġewwa l-Marsaxlokk Activity Centre. |
| 17 | Is-Sibt | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **18** | **Il-Ħadd** | **It-33 Ħadd ta' Matul is-Sena.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| 19 | It-Tnejn | Fis-6:45pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| 20 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq tal-Ħamrija.** |
| 22 | Il-Ħamis | Fid-9.30am Coffee Morning fis-Sala Sant'Anna. |
| **25** | **Il-Ħadd** | **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu** Fid-9:15am Quddiesa imexxija minn Fr Raymond Scicluna OFM fi tmiem is-Sena Liturġika u li fiha bħala Parroċċa nuru l-ġenerożità tagħna ma' Dar Frate Jacoba permezz għotja ta' oġġetti tal-ikel. |
| 26 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:00pm. |
| 30 | Il-Ġimgħa | Fis-6:00pm quddiesa u tberik tal-Girlanda tal-Avvent għall-familjari u t-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina. |

